MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF ANTON DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 810/1994/1

**Carmen Cilia**

**v.**

**Carmela Grech u b'digriet tas-7 ta' Marzu, 1995 gie kjamat fil-kawza d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) illi permezz tieghu l-attrici talbet ghaliex il-konvenuta m'ghandhiex tigi kundannata li tizgombra mil-fond 36, K. Mifsud Street, Gwardamangia fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha ffissat prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li hija qed tokkupah bla ebda dritt validu fil-ligi u bla titolu; bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju, 1994 u ta' l-ittra legali tat-12 ta' Settembru, 1994 kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni; ghall-fini ta' kompetenza gie

dikjarat illi l-valur lokatizju ma jeccedix l-erbgha u ghoxrin lira (Lm24);

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi hi ilha zmien twil tokkupa l-fond 36, K. Mifsud Street, Gwardamangia b'titolu validu u skond il-ligi;

2. Illi dan il-fond kien gie rekwizizzjonat fid-9 ta' Settembru, 1976 u din ir-*Requisition Order* numru 16124 ghadha in vigore;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici ghall-izgumbrament tal-konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante *Requisition Order* fuq il-post *de quo*;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat is-sentenza tat-tnax (12) ta' Ottubru, 2001 illi permezz taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet hekk:

"… it-talba attrici ghandha tigi definitivament michuda fil-konfront tad-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali in vista tal-imsemmija Ordni ta' Rekwizizzjoni u konsegwentement michuda ukoll fil-konfront tal-konvenuta li giet mqeghda fil-pussess tal-fond mill-istess Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali kif huwa awtorizzat li jghamel;  bl-ispejjez kontra l-attrici";

u dana wara illi kkonsidrat hekk:

"Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti fuq il-fatti rilevanti.

“Infatti jirrizulta stabbilit illi l-fond ‘de quo’ kien gie, fis-7 ta’ Jannar 1971, koncess mill-attrici in enfitewsi temporanea li skadiet fis-6 ta’ Jannar 1994.

“Inoltre jirrizulta ukoll li matul din l-enfitewsi, fid-9 ta’ Settembru 1976 inharget Requisition Order (Numru RO16124 - kopja esibita a fol. 10) fuq il-fond in kwistjoni, in forza ta’ liema, il-konvenuta kienet giet allokata ir-residenza taghha fl-istess fond.

“Inoltre b’Ordni ohra tal-kjamat fil-kawza, il-konvenuta kienet giet ordnata fis-16 ta’ Awissu 1994 biex tikkonsenja c-cwievet tal-istess fond meta tohrog minnu lid-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

“L-allokazzjoni tal-fond lill-konvenuta mid-Dipartiment tad-Djar saret fis-7 ta’ Mejju 1980 u jidher li l-konvenuta ilha tabita fil-fond ‘de quo’ minn dak inhar kif jirrizulta ukoll mir-registrazzjoni taghha bhala l-konsumatrici ta’ dawl u ilma fil-fond.

“Il-kontendenti jaqblu ukoll illi la l-attrici u lanqas l-enfitewta ta’ qabilha ma kienu gew interpellati b’xi ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 8 tal-Kap 125 sabiex jirrikonoxxu lill-konvenuta bhala inkwilina tal-fond ‘de quo’.

“Ghalhekk jirrizulta li l-konvenuta m’ghandha ebda relazzjoni diretta mal-attrici u qedgha tabita fil-fond in kwistjoni esklusivament in forza tal-awtorizzazzjoni moghtija lilha bl-Ordni ta’ Rekwizizzjoni.

“L-attrici ghandha relazzjoni diretta mal-kjamat fil-kawza, id-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali, li ghandu l-pussess esklussiv tal-fond in forza tal-istess Ordni ta’ Rekwizizzjoni li tirrizulta li ghadha in vigore.

“L-istess Ordni ta’ Rekwizizzjoni tghati lid-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali id-dritt ukoll li jalloka l-fond rekwizizzjonat lill-terzi u li jawtorizzahom li jabitaw go fih, irrispettivament mill-adezjoni jew rikonoxximent tas-sid, minghajr ebda obbligu li f’xi terminu huwa ghandu jwassal lill-abitant u lis-sid f’xi relazzjoni guridika ta’ sid u kerrej.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-attrici illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi tigi revokata s-sentenza appellata tat-12 ta’ Ottubru 2001 - bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi l-appell jigi michud u illi tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant (*sic*);

Rat ir-risposta tal-konvenuta illi permezz taghha qalet biss hekk:

“Illi s-sentenza appellata tat-12 ta’ Ottubru 2001 hija gusta u ghandha tigi kkonfermata”;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tar-rikors ta’ appell jirrizulta illi, fis-sostanza, l-attrici appellanti ghandha aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata, liema aggravju huwa espress fit-termini segwenti fil-paragrafu enumerat tmienja (8) ta’ l-istess rikors ta’ appell:

“Bir-rispett kollu lejn il-veduta espressa mill-ewwel Qorti, l-materja *de quo* ma hijiex regolata mill-Kapitolu 125 izda mill-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante li meta saret l-allokazzjoni u/jew inghata l-kunsens ghat-tpartit bejn il-konvenuta u Salerno dan sehh fid-durata tal-koncessjoni enfitewtika li kienet ghadha *in corso* fl-1980”;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta’ dina l-Qorti ma hemmx lok illi jigi kunsidrat l-aggravju ta’ l-appellanti ghaliex ma jidhirx illi huwa kontestat bejn il-kontendenti illi l-fond *de quo* meta giet intavolata l-kawza odjerna kien kolpit - u ma hemm ebda

prova processwali illi tindika illi ma ghadux hekk kolpit - minn ordni ta’ rekwizizzjoni. F’dan l-istat ta’ fatt, skond il-gurisprudenza kostanti taghna, l-attrici, meta intavolat il-kawza, ma kellhiex - u anqas ghandha illum - il-pussess ta’ l-istess fond, liema pussess huwa vestit esklusivament fil-kjamat fil-kawza. Konsegwentement, l-attrici ma setghetx tintavola il-kawza. Infatti, fis-sentenza ta’ din il-Qorti, fil-kompetenza superjuri taghha, tas-sittax (16) ta’ April, 2004 fil-kawza fl-ismijiet *Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa et* - illi fiha wkoll is-sidien ta’ fond rekwizizzjonat, già koncess in enfitewsi temporanja, talbu l-izgumbrament ta’ min kien qed jokkupah - jinghad hekk:

“Din il-Qorti … hija tal-fehma li minn *punto di vista* ta’ dritt, darba li l-attur, u llum l-aventi kawza tieghu, gew u ghadhom legalment spussessati mill-fond *de quo* bhala sidien (in vista ta’ l-ordni ta’ rekwizizzjoni), l-attur lanqas biss seta’ jiddeduci l-pretensjoni tieghu bhal dik in ezami. Il-Qrati taghna kienu dejjem univoci u konkordi dwar dan.

“Fil-kawza fl-ismijiet *George Zahra vs Carmelo Chircop* deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Frar 1960 (Koll. Vol. XLIV-1-42) *inter alia* gie ritenut fiha hekk:

‘… ir-rekwizizzjoni ghandha bhala effett li tispossessa lir-‘*requisitionee*’; b’mod li minn mindu ssir, u sakemm tibqa’ ssehh, il-pussess tal-fond u d-disponibilità tieghu ma humiex aktar f’idejh, izda f’idejn l-amministrazzjoni; bil-konsegwenza illi s-sid hekk spossessat, *pro tempore*, ma ghandux l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond u in sostanza mhux persuna kapaci li toqghod in gudizzju dwarhom;
‘Skond dan il-kriterju, ghandha ragun l-appellanti li tghid illi t-talba ghall-izgumbrament ma setghetx tigi milqugha mill-ewwel Qorti, meta r-rekwizizzjoni kienet ghadha ssehh’.” (sottlinear ta’ dina l-Qorti);

Kawza ohra b’fattispeci simili ghal dawk tal-kawza odjerna hija dik fl-ismijiet *Paul Abela v. Jane Sheehan*. Din il-kawza giet finalment deciza minn dina l-Qorti diversament komposta b’sentenza ta’ l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Marzu, 2004. F’din is-sentenza jinghad hekk:

"… jirrizulta bl-aktar mod ovvju illi l-konvenuta appellanti qed tirrezisti t-talba tal-attur appellat fuq il-konsiderazzjoni li l-fond *de quo* huwa rekwizizzjonat.

"*Assumendo* ghal mument li din id-difiza hi korretta dan ikun ifisser illi t-talba tas-sid biex jizgombra mill-fond lill-konvenuta, meta l-fond huwa rekwizizzjonat, ma tistax tigi milqugha mill-Qorti. Dan ghaliex, kif pacifikament stabbilit, 'ir-rekwizizzjoni ta' fond ghandha bhala effett li tispossessa lis-sid rekwizizzjonat b'mod li minn mindu ssir u sakemm tibqa' ssehh ir-rekwizizzjoni, il-pussess tal-fond u d-disponibilità tieghu ma humiex aktar f'idejh, izda f'idejn l-amministrazzjoni li rrekwizizzjonat il-fond; u allura s-sid *pro tempore*, ma ghandux l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond u in sostanza mhux persuna li toqghod in gudizzju dwarhom' (Kollez. Vol XLIV P 1, p 42)" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Ghalhekk, l-ewwel Qorti kellha ragun tghid fis-sentenza appellata:

"… jirrizulta li l-konvenuta m'ghandha ebda relazzjoni diretta mal-attrici u qedgha tabita fil-fond in kwistjoni esklusivament in forza tal-awtorizzazzjoni moghtija lilha bl-Ordni ta' Rekwizizzjoni.

"L-attrici ghandha relazzjoni diretta mal-kjamat fil-kawza, id-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali, li ghandu l-pussess esklussiv tal-fond in forza tal-istess Ordni ta' Rekwizizzjoni li tirrizulta li ghadha in vigore";

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula l-appell ta' l-attrici appellanti ma jistax jigi milqugh u s-sentenza appellata timmerita illi tigi konfermata;

Finalment, ghall-kompletezza, tajjeb illi jigi rilevat illi l-attrici, fir-rikors ta' appell taghha, talbet biss illi s-sentenza

appellata tigi revokata u ma talbitx illi t-talba illi avanzat permezz ta' l-avviz promotur tal-kawza tigi milqugha;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-attrici u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------